Co-funded by the European Union

# youthIES

# Training Pack for Youth Workers - ACTIVITIES







friends of the earth malta
iED Institute of Entrepreneurship Development
RESET
réseau tandemplus
Education Agency for Development and Innovation IDEA
SOCIAL ENTERPRISES

Co-funded by the European Union

**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ - ATTIVITAJIET**

**Modulu:** *Interventi bbażati fil-Komunità*

**WERREJ**


**L-1 ATTIVITÀ –** ***X'inhi s-superpotenza tiegħi?*** ....2
ĦARSA ĠENERALI ....2
OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM ....2
STRUZZJONIJIET ....2
MATERIALS REKWIŻITI ....3
**IT-2 ATTIVITÀ –** ***Analiżi tal-problema*** ....4
ĦARSA ĠENERALI ....4
OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM ....4
STRUZZJONIJIET ....4
MATERJALI REKWIŻITI ....5
**IT-3 ATTIVITÀ –** ***Issa ż-żmien għall-Azzjoni…Riċerka!*** ....6
ĦARSA ĠENERALI ....6
OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM ....6
STRUZZJONIJIET ....6

## L-1 ATTIVITÀ – *X'inhi s-superpotenza tiegħi?*

### ĦARSA ĠENERALI

Din l-attività għandha l-mira li toħroġ fil-beraħ il-kapaċitajiet ta' kull individwi u kif dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-benesseri tal-komunità. Il-parteċipanti jridu jidentifikaw il-kapaċitajiet tagħhom, jiddeskrivuhom bħala superpotenzi, u jirrealizzaw li l-ħidma kollaborattiva tagħhom tista' ġġib riżultati aħjar. Din hija attività li fiha gost, u permezz ta' liem l-assi u r-riżorsi tal-grupp se jkunu rikonoxxuti sabiex jiġu sfruttati bl-aktar mod possibbli mingħajr—jekk possibbli—assistenza esterna.

Interventi bbażati fil-komunità diġà huma stabbiliti bħala effettivi sabiex jindirizzaw problemi fi ħdan il-komunità. Permezz tal-għoti ta' rwol attiv lill-membri ta' komunità, dawn jiġu inkuraġġiti u jingħataw kunfidenza sabiex jippjanaw azzjonijiet li jġibu bidla. Madankollu, ħafna drabi, l-assi u r-riżorsi tal-komunità ma jiġux rikonoxxuti u l-fok jintefa' fuq il-bżonnijiet. Din l-attività tirrispodni għall-bżonn li jkun hemm rikonoxximent tal-kapaċitajiet tal-membri tal-komunità u kif dawn jistgħu jiġu utlizzati sabiex javvanzaw il-progress. Il-parteċipanti jagħżlu minn lista ta' kapaċitajiet umani li huma preżenti sa mit-twelid, iżda li ma ġewx żviluppati, u jiddiskutu kif din is-superpotenza tista' tkun ta' benefiċċju għall-ambjenti u kif tista' tintuża. Matul din is-sessjoni ta' riflessjoni, għandhom jaħsbu fuq sitwazzjoni reali fejn użaw din il-kapaċità u kif ikkontribwixxew pożittivament għal oħrajn. Jistgħu wkoll jirriflettu fuq nuqqasijiet u fuq liema kapaċitajiet hemm bżonn li jiżviluppaw sabiex jindirizzaw b'mod aħjar kwistjonijiet tal-komunità.

### OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM

Sa tmiem din l-attività, il-parteċipanti huma mistennija li:

- Jidentifikaw il-kapaċitajieet tagħhom u kif jistgħu jużawhoim biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tagħhom.
- Jiffukaw fuq l-assi u r-riżorsi tal-komunità.
- Jirrikonoxxu li ħidma flimkien tista' ġġib riżultati aħjar.
- Iħossuhom inkoraġġuti u mmotivati biex jipproċedu b'azzjonijiet li jistgħu jbidlulhom ħajjithom.
- 45 minuta

### STRUZZJONIJIET

- Fuq il-karti vojta ikteb dawn il-kapaċitajiet umani inerenti li se jissejħu superpotenzi u li wieħed jista' jippratika u jiżviluppa. Xi eżempji jinkludu:

- Li Tosserva: Il-poter li wieħed bih jara b'mod mifrux u mill-viċin
- Li Tirrifletti: Il-poter li wieħed bih joffri perspettiva oħra.
- Li Tkun Taf Istintivament u li Timmaġina: Il-poter li wieħed bih ikun jaf xi ħaġa li mhix viżibbli.
- Li Tisma': Il-poter li wieħed bih joħloq konnessjoni u verament jisma'
- Li Tempatizza: Il-poter li wieħed bih jara u jħoss minn għajnejn ħaddieħor.
- Li Tistaqsi: Il-poter li wieħed bih isaqsi mistoqsijiet li jespandu u jmexxu l-affarijiet.

- Saqsi l-parteċipanti biex jagħżlu superpotenza waħda li tiddeskrivihom perfettament; jekk mhux sodisfatti bil-lista, jistgħu jniżżlu tagħhom stess.
- Ifforma gruppi ta' 3-4 persuni, fejn kull wieħed minnhom se jirrakkonta storja dwar kif ikunu jistgħu jużaw is-superpotenza tagħhom jew kif ikunu jistgħu jgħinu lil ħaddieħor.
- <u>Fażi ta' riflessjoni</u>: il-parteċipanti jaħsbu fuq sitwazzjoni reali fejn użaw din il-kapaċità u kif ikkontribwixxew pożittivament għal ħaddieħor. Jistgħu wkoll jaħsbu fuq l-impatt tal-użu ta' dawn is-superpotenzi għall-oħrajn u jaħsbu f'nuqqasijiet f'kapaċitajiet li għandhom bżonn jiżviluppaw aktar biex jiffurmaw komunità aktar b'saħħitha.

MATERJALI REKWIŻITI

- Karti vojta, pinen

## IT-2 ATTIVITÀ – *Analiżi tal-problema*

ĦARSA ĠENERALI

- Iddeskrivi fil-qosor l-iskop u l-kuntest tal-attività.

L-iskop ta' din l-attività hu li tipprovdi fehim aktar profond tal-problema permezz ta' karta t'analiżi li se tgħin fl-ippjanar u l-organizzazzjoni t'azzjonijiet biex tiġi indirizzata l-problema. Permezz tal-identifikazzjoni tal-problema, il-grupp jista' juża l-informazzjoini sabiex jistabbilixxi għanijiet u objettivi u sabiex ikollu struttura ċara fuq il-passi li jmiss. L-attività tinkludi ħidma fi gruppi u tista' sservi ta' simulazzjoni għal sitwazzjonijiet realistiċi fil-ħajja billi tiffoka fuq kwistjoni li suppost qed isseħħ.

- Tipprovdi introduzzjoni fuq is-suġġett.

L-ewwel pass biex tiddisinja u tadotta interventi bbażati fil-komunità huwa li tidentifika u tanalizza l-problemi tal-komunità li se jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' pjan t'azzjoni. Li jkollok struttura ċara u konkreta tal-ħidma li trid issir tipprovdi kredibbiltà u kontabbiltà għall-grupp u żżomm lin-nies kostantament motivati. Din l-attività se tiffunzjona bħala linja gwida għall-grupp ta' ħidma u tipprovdi fehim aktar profond tal-problema meta jkunu għaddejjin minnha. Il-parteċipanti se jintalbu biex jaħdmu b'mod kollaborattiv sabiex iwieġbu l-mistoqsijiet fuq il-problema li se tiggwida l-azzjoni tagħhom.

OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM

Sa tmiem din l-attività, il-parteċipanti huma mistennija:

- Li jidentifikaw il-kwistjonijiet reali li komunità qed taffaċċja.
- Li jipprijoritizzaw il-kwistjonijiet abbażi l-livell ta' sinifikat.
- Li jakkwistaw fehim aktar profond tal-problema.
- Li jippreparaw għanijiet u objettivi fissi.
- Tul ta' żmien stmat: siegħa sa siegħa u nofs

STRUZZJONIJIET

- Aqsam il-membri tal-komunità f'gruppi ta' 3-4 persuni.
- Kull grupp se jaħdem fuq karta A3 li se tkun maqsuma f'2 kolonni.
- Fl-ewwel kolonna, ikteb dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:
    - Liema fatturi jpoġġu n-nies f'riskju?

- L-imġieba ta’ min (jew nuqqas ta’ mġieba) ikkawżat il-problema?
- L-imġieba ta’ min (jew nuqqas ta’ mġieba) issostni l-problema?
- Għal min hija problema s-sitwazzjoni?
- X’inhuma l-konsegwenzi negattivi għal dawk affettwati direttament?
- X’inhuma l-konsegwenzi negattivi għall-komunità?
- Min u kif wieħed jista’ jibbenefika mis-sitwazzjoni attwali?
- Min għandu jaqsam ir-responsabbiltà biex tissolva l-problema?
- X’imġieba trid tinbidel biex il-problema tista’ tiġi kkunsidrata bħala waħda “solvuta”?
- X’kundizzjonijiet iridu jinbidlu biex tiġi indirizzata l-kwistjoni jew problema?
- Kemm hemm bżonn ta’ bidla?
- Se tkun kapaċi tagħmel il-bidla neċessarja?

- Kull grupp se jaħdem flimkien biex iwieġeb dawn il-mistoqsijiet. Jekk m’hemmx biżżejjed ħin biex jiġu indirizzati dawn il-mistoqsijiet, il-kordinatur jista’ jqassam 3-4 mistoqsijiet lil kull grupp u mbagħad jippreżenta r-riżultati lill-plenarja.
- Wara li jwieġbu l-mistoqsijiet, il-gruppi jiddiskutu s-sejbiet tagħhom u jiktbu l-eżiti tagħhom.

MATERJALI REKWIŻITI

- Karti A3, markers.

**IT-3 ATTIVITÀ** – ***Issa ż-żmien għall-Azzjoni…Riċerka!***

ĦARSA ĠENERALI

- Iddeskrivi fil-qosor l-iskop u l-kuntest tal-attività.

L-attività tiffoka fuq il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-azzjoni ta' riċerka parteċipatorja (PAR) fil-komunità. Il-parteċipanti jistgħu jużaw dan il-metodu f'xenarju immaġinarju li jista' jkun ukoll xenarju reali. Matul din l-attività, il-parteċipanti għandhom l-opportunità li joħolqu fuljett li se jippreżenta l-azzjonijiet tagħhom u jxerrdu l-eżiti tagħhom lill-pubbliku inġenerali.

L-azzjoni ta' riċerka parteċipatorja hija metodu użat ħafna li jintuża biex jiġu indirizzati problemi u li jsib ħafna l-applikazzjoni tiegħu fis-settur edukattiv. Huwa kkunsidrat bħala metodu li faċilment jinvolvi ż-żgħażagħ u jagħtihom rwol attiv u mexxej fir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet tal-komunità. Madankollu, il-komunitajiet għandhom bżonn eżempji prattiċi u l-aqwa prattiċi biex jiġu konvinti biex jużaw dan il-metodu sabiex jirrisolvu l-kwistjonijiet tagħhom, u, ħafna drabi, PAR li diġà huma implimentati u effettivi ma jkunux magħrufa mill-komunitajiet.

OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM

Sa tmiem din l-attività, il-parteċipanti huma mistennija li:

- Jittrasformaw dejta minn PAR f'forma viżwali sabiex joħolqu fuljett.
- Jagħtu sommarju tal-eżiti tal-PAR fil-fuljett tagħhom.
- Isiru familjari mal-użu ta' għodda diġitali (e.ż. Canva, PPT).
- Jużaw metodi u tekniċi ta' komunikazzjoni biex ixerrdu l-eżiti.
- Tul ta' żmien stmat: siegħa u nofs sa sagħtejn.

STRUZZJONIJIET

- Iddeċiedi liema għodda diġitali se tuża biex tipprepara l-fuljett (e.ż. Canva).
- Agħżel template mil-librerija bla ħlas li tirrelata mas-suġġett.
- Iġbor l-informazzjoni bażika kollha li għandek bżonn biex tippreżenta; inkludi l-istadji kollha ta' Riċerka t'Azzjoni: L-Identifikazzjoni tal-Kwistjoni – L-Ippjanar – Il-Kollezzjoni tad-Dejta – L-Edukazzjoni/Taħriġ – L-Osservazzjoni – Ir-Riflessjoni (L-1 Ċiklu)
- Inkludi ritratti li jirrappreżentaw l-istadji jew li joffru evidenza soda tar-riżultati. Ir-ritratti għandhom ikunu attraenti u konvinċenti sabiex jimmotivaw lin-nies biex tieħu azzjoni.

- Eżempju ta' fuljett ta' PAR jista' jinsab hawn: https://docs.google.com/document/d/1oygMXdeU6BCwKtoq3zUkdD0T9zhNYobwRvmdyI5T6Mo/edit

MATERJALI REKWIŻITI

- Għodda diġitali (e.ż. Canva), laptop

Co-funded by the European Union

**Sħab:**

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]